# RIT TAŻ-ŻWIEĠ



DJOĊESI TA’ GHAWDEX

A.D. 2019



## KOLLETTA

Ċel.: **Nitolbu.**

**O Alla, meta inti ħlaqt 'il-bniedem,**
**ridt li r-raġel u l-mara**
**jkunu ħaġa waħda flimkien;**
**dawn il-qaddejja tiegħek**
**N. u N. ukoll se jingħaqdu**
**bejniethom bir-rabta taż-żwieġ;**
**żommhom marbuta fl-għożża ta' xulxin,**
**biex bħalma tagħnihom**
**bil-frott ta' din l-imħabba,**
**tagħtihom ukoll li jkunu xhieda tagħha**
**quddiem kulħadd.**
**B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla,**
**u li miegħek igħix u jsaltan**
**flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu**
**għal dejjem ta' dejjem.**

Ġemgħa: **Ammen.**

## LITURĠIJA TAŻ-ŻWIEĠ

Wara li tintemm l-omelija jkun hemm ftit waqtiet ta' skiet. Imbagħad l-għarajjes, ix-xhieda u dawk kollha preżenti jqumu bil-wieqfa. Imbagħad, Iċ-ċelebrant jindirizza lill-għarajjes b'dawn il-kelmiet jew bi kliem ieħor jixbħu:

**Għeżież N. u N.**
**intom ġejtu hawn flimkien,**
**f'dar il-Missier,**
**biex id-deċiżjoni tagħkom li tingħaqdu fiż-żwieġ**
**tirċievi s-siġill tiegħu u l-konsagrazzjoni tiegħu,**
**quddiem il-ministru tal-Knisja**
**u quddiem il-komunità.**
**Intom diġà kkonsagrati**
**permezz tal-Magħmudija:**
**Issa Kristu jberikkom u jqawwikom**
**bis-sagrament taż-Żwieġ,**
**biex tħobbu lil xulxin,**
**b'imħabba fidila u li ma tintemm qatt,**
**u biex tieħdu fuqkom b'responsabbiltà**
**d-dmirijiet taż-Żwieġ.**

**Għalhekk, nitlobkom tfissru**
**quddiem il-Knisja**
**l-fehmiet tagħkom.**

Iċ-ċelebrant jistaqsi lill-għarajjes dwar il-libertà u l-fedeltà u dwar jekk humiex lesti jilqgħu lill-ulied u jedukawhom. L-għarajjes iwieġbu individwalment.

**N. u N., ġejtu intom biex tiċċelebraw iż-Żwieġ**
**mingħajr ma kontu mġegħlin,**
**b'rieda ħielsa, u konxji**
**minn xi tfisser id-deċiżjoni tagħkom?**

L-għarajjes iwieġbu: **Iva.**

**Intom lesti li, intom u mexjin fit-triq taż-Żwieġ,**
**tħobbu lil xulxin u tirrispettaw lil xulxin**
**tul ħajjitkom kollha?**

L-għarajjes iwieġbu: **Iva.**

*Il-mistoqsija li ġejja tista' tinqabeż f'ċerti każijiet, pereżempju meta l-għarajjes ikunu kbar fl-età.*

**Intom lesti li tilqgħu b'imħabba**
**l-ulied li Alla jogħġbu jibagħtilkom**
**u li tedukawhom**
**skont il-liġi ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu?**

L-għarajjes iwieġbu: **Iva.**

# IL-KUNSENS

Iċ-ċelebrant jistieden lill-għarajjes iduru lejn xulxin u jfissru l-kunsens tagħhom lil xulxin:

**Ladarba hi l-intenzjoni tagħkom**
**li tingħaqdu fiż-żwieġ,**
**agħtu idkom il-leminija lil xulxin**
**u fissru l-kunsens tagħkom**
**quddiem Alla u l-Knisja tiegħu.**

L-għarus jindirizza lill-għarusa b'dawn il-kelmiet:

**Jien N., nilqa' lilek, N., bħala marti.**
**Permezz tal-grazzja ta' Kristu**
**nwiegħed li nkun fidil dejjem lejk,**
**fil-ferħ u fin-niket,**
**fis-saħħa u fil-mard,**
**u li nħobbok u nirrispettak**
**tul il-jiem kollha ta' ħajti.**

L-għarusa tindirizza lill-għarus b'dawn il-kelmiet:

**Jien N., nilqa' lilek, N., bħala żewġi.**
**Permezz tal-grazzja ta' Kristu**
**inwiegħed li nkun fidila dejjem lejk,**
**fil-ferħ u fin-niket,**
**fis-saħħa u fil-mard,**
**li nħobbok u nirrispettak**
**tul il-jiem kollha ta' ħajti.**

# IL-LAQGĦA TAL-KUNSENS

Iċ-ċelebrant, filwaqt li jqiegħed idu fuq l-idejn magħqudin tal-għarajjes, jgħid:

**Iwettaq il-Mulej ħanin u li jista' kollox**
**dan il-kunsens**
**li għadkom kemm fissirtu quddiem il-Knisja**
**u jimliekom bil-barka tiegħu.**
**Dak li għaqqad Alla**
**m'għandux jifirdu l-bniedem.**

Flimkien: **Ammen.**

## IT-TBERIK U L-GĦOTI TAĊ-ĊRIEKET

Jiġu ppreżentati ċ-ċrieket. Iċ-ċelebrant iberikhom filwaqt li jgħid:

**Ibierek ✠ il-Mulej dawn iċ-ċrieket**
**li intom sejrin tagħtu lil xulxin**
**bħala sinjal ta' mħabba u ta' fedeltà.**

Kulħadd: **Ammen.**

Iċ-ċelebrant iroxx l-ilma mbierek fuq iċ-ċrieket u jagħtihom lill-għarajjes.

L-għarus ilibbes iċ-ċurkett lill-għarusa fis-saba' tal-ħatem filwaqt li jgħid:

**N., ħu dan iċ-ċurkett,**
**sinjal ta' mħabbti u tal-fedeltà tiegħi.**
**Fl-isem tal-Missier u tal-Iben**
**u tal-Ispirtu s-Santu.**

L-għarusa tlibbes iċ-ċurkett lill-għarus fis-saba' tal-ħatem filwaqt li tgħid:

**N., ħu dan iċ-ċurkett,**
**sinjal ta' mħabbti u tal-fedeltà tiegħi.**
**Fl-isem tal-Missier u tal-Iben**
**u tal-Ispirtu s-Santu.**

# IL-BARKA TAŻ-ŻWIEĠ

L-għarajjes jersqu lejn l-artal jew, jekk iridu, jibqgħu f'posthom u jinżlu għarkupptejhom.

Iċ-ċelebrant, b'idejh ma' xulxin, jistieden lil dawk preżenti biex jitolbu b'dan il-kliem li ġej, jew bi kliem ieħor jixbħu. Jekk xi ħadd mill-għarajjes ma jkunx se jitqarben, il-kliem fil-parentesi ma jingħadx:

**Ħuti, insejħu b'fiduċja lill-Mulej sabiex isawwab**
**il-grazzja u l-barka tiegħu fuq dawn l-għarajjes**
**li qegħdin jiċċelebraw fi Kristu**
**ż-Żwieġ tagħhom:**
**hu li għaqqadhom fil-patt qaddis**
**(permezz tas-sehem sħiħ**
**fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu)**
**iwettaqhom fl-imħabba ta' bejniethom.**

Kulħadd jitlob għal ftit ħin fis-skiet.

Imbagħad Iċ-ċelebrant, filwaqt li jżomm idejh fuq l-għarajjes, ikompli:

**O Alla, bl-omnipotenza tiegħek**
**mix-xejn int ħlaqt kollox**
**u fl-ordni primordjali tal-univers**
**int ħlaqt lir-raġel u l-mara xbieha tiegħek,**
**u tajthom lil xulxin**
**bħala għajnuna li ma tiġix nieqsa,**
**ħalli ma jkunux aktar tnejn,**
**imma ġisem wieħed;**
**b'dan il-mod int għallimt**
**li qatt ma jixraqx li wieħed jifred**
**dak li int għaqqadt.**

**O Alla, f'misteru hekk kbir,**
**int ikkonsagrajt l-għaqda tal-miżżewġin**
**u għamilt il-patt taż-żwieġ**
**sagrament ta' Kristu u tal-Knisja.**

**O Alla, fik ir-raġel u l-mara jingħaqdu,**
**u l-ewwel komunità tal-bnedmin, il-familja,**
**tirċievi bħala rigal dik il-barka**
**li xejn ma jista' jħassar,**
**la d-dnub oriġinali**
**u lanqas l-ilmijiet tad-dilluvju.**

**Ħares issa bi tjieba lejn dawn uliedek**
**li, magħqudin permezz tar-rabta taż-Żwieġ**
**jitolbu l-għajnuna tal-barka tiegħek:**
**sawwab fuqhom il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu**
**sabiex, bil-qawwa ta' mħabbtek**
**li tinfirex fi qlubhom,**
**huma jibqgħu fidili għall-patt taż-Żwieġ.**

**F'din bintek N.,**
**għamel li jgħammar**
**id-don tal-imħabba u tal-paċi**
**u li hi tagħraf tkun bħall-qaddisin nisa**
**imfaħħra fl-Iskrittura.**

**Agħmel li N., l-għarus tagħha,**
**jgħix magħha f'għaqda sħiħa**
**jagħraf li hi għandha sehem**
**mill-istess rigal tal-grazzja,**
**iweġġaħha bħala daqsu fid-dinjità,**
**iħobbha dejjem b'dik l-imħabba**
**li biha Kristu ħabb lill-Knisja tiegħu.**

**Nitolbuk, Mulej,**
**biex dawn uliedek jibqgħu magħqudin fil-fidi**
**u fil-ħarsien tal-kmandamenti tiegħek;**
**filwaqt li jkunu fidili lejn imħabba waħda,**
**ħa jkunu ta' eżempju billi jgħixu ħajja sewwa,**
**u sostnuti bil-qawwa tal-Vanġelu,**
**ħa jagħtu xhieda għal Kristu**
**quddiem kulħadd.**
[**Ħa ġġib il-frott l-għaqda tagħhom,**
**ħa jkunu ġenituri għorrief u sodi**
**u flimkien ikunu jistgħu jaraw ulied uliedhom.**]
**U wara ħajja twila u serena**
**ħa jaslu għall-hena ta' dejjem eterna**
**fis-Saltna tas-Smewwiet.**
**Bi Kristu Sidna.**

Kulħadd: **Ammen.**

## IT-TALBA TAL-FIDILI

Meta hu preskritt issir l-ISTQARRIJA TAL-FIDI. Wara jingħadu t-talbiet tal-fidili.

Ċel.: **Ħuti, aħna u nagħrfu d-don waħdieni**
**ta' grazzja u mħabba,**
**li permezz tiegħu Alla ried li jikkonsagra**
**l-imħabba ta' ħutna N. u N.,**
**nitolbu lill-Mulej li,**
**imsaħħin bl-eżempju**
**u l-interċessjoni tal-qaddisin,**
**huma jħarsu b'fedeltà**
**l-għaqda tagħhom fiż-Zwieġ.**

Sabiex N. u N., permezz tal-għaqda qaddisa taż-żwieġ
ikunu jistgħu jgawdu s-saħħa fil-ġisem u s-salvazzjoni eterna,
Nitolbu.

Ġemgħa: Ismagħna nitolbuk Mulej.

Sabiex il-Mulej ibierek l-għaqda ta' dawn l-għarajjes
kif qaddes it-tieġ ta' Kana,
Nitolbu.

Ġemgħa: Ismagħna nitolbuk Mulej.

Sabiex il-Mulej jagħmel li l-imħabba ta' N. u N.
tagħti l-frott,
u jagħtihom il-paċi u l-għajnuna
biex huma jkunu xhieda fidili tal-ħajja Kristjana
Nitolbu.

Ġemgħa: Ismagħna nitolbuk Mulej.

Sabiex il-poplu Nisrani
jikber minn jum għall-ieħor f'fidi sħiħa,
u dawk kollha li huma mtaqqla bid-diffikultajiet tal-ħajja
jirċievu l-għajnuna tal-grazzja li tiġi mill-Għoli,
Nitolbu.

Ġemgħa: Ismagħna nitolbuk Mulej.

Sabiex l-Ispirtu s-Santu
jġedded fil-miżżewġin kollha hawn preżenti
l-grazzja tas-Sagrament,
nitolbu.

Ġemgħa: Ismagħna nitolbuk Mulej.

Ċel.: **Ibgħat Mulej l-Ispirtu ta' mħabbtek**
**fuq N. u N.,**
**sabiex isiru qalb waħda u ruħ waħda:**
**agħmel li xejn ma jifred**
**lil dawn il-miżżewġin li int għaqqadt**
**u mimlijin bil-barka tiegħek**
**xejn ma jaqtagħlhom qalbhom.**

**Bi Kristu Sidna.**

Ġemgħa: **Ammen.**

## TALBA FUQ L-OFFERTI

**Ilqa’, nitolbuk, Mulej,**
**l-offerti li qegħdin nagħmlulek**
**b’radd ta’ ħajr**
**għal-liġi qaddisa taż-Żwieġ:**
**Mexxi skont ir-rieda tiegħek din ir-rabta ta’ mħabba li għoġbok twaqqaf.**

**Bi Kristu Sidna.**

Ġemgħa: **Ammen.**


I. N. R. I.

## PREFAZJU

Ċel.: **Il-Mulej magħkom.**
Ġemgħa: U miegħek ukoll.

Ċel.: **Nerfgħu qlubna ’l fuq.**
Ġemgħa: Nerfgħuhom lejn il-Mulej.

Ċel.: **Niżżu ħajr lill-Mulej Alla tagħna.**
Ġemgħa: Hekk sewwa u xieraq.

Ċel.: **Sewwa u xieraq tassew, Mulej,**
**Missier qaddis,**
**Alla ta’ dejjem li tista’ kollox,**
**tajjeb u ta’ ġid għas-salvazzjoni tagħna**
**li dejjem u kullimkien irroddulek ħajr:**
**Bi Kristu Sidna.**

**Int fi tjubitek ħlaqt il-bniedem**
**u rfajtu hekk fil-għoli**
**li fir-rabta bejn ir-raġel u l-mara fiż-Żwieġ**
**ħallejt xbieha vera ta’ mħabbtek;**
**għax lill-bniedem, li ħlaqtu għax ħabbejtu,**
**int tibqa’ ssejjaħlu biex igħix fl-imħabba,**
**ħalli jkollu sehem**
**mill-istess imħabba tiegħek ta’ dejjem.**
**U l-misteru taż-Żwieġ imqaddes,**
**kif inhu għalina sinjal ta’ mħabbtek,**
**iqaddes ukoll l-imħabba tal-bniedem,**
**bi Kristu Sidna.**

**Bih intennulek innu ta' tifħir**
**flimkien ma' l-Anġli u l-Qaddisin kollha**
**u ngħidu bla heda:**

*Qaddis, Qaddis, Qaddis.*
*Mulej Alla tal-eżerċti,*
*Is-smewwiet u l-art mimlija bil-Glorja tiegħek.*
*Osanna fl-ogħla tas-smewwiet.*
*Imbierek min ġej f'isem il-Mulej!*
*Osanna fl-ogħla tas-smewwiet.*

## TALBA WARA T-TQARBIN

Ċel.: **Nitolbu.**

**Missier l-aktar ħanin,
inti tgħajjixna
bis-sagramenti tiegħek;
agħmel li nimxu
dejjem fuq l-eżempji
tal-Familja mqaddsa ta' Ibnek il-waħdieni,
biex wara t-taħbit ta' din id-dinja
nissieħbu magħha fis-sema,**

**Bi Kristu Sidna.**

Ġemgħa: **Ammen.**

## BARKA SOLENNI

Ċel.: **Il-Mulej magħkom.**

Ġemgħa: U miegħek ukoll.

Iċ-ċelebrant, b'idejh mifruxa fuq il-ġemgħa, jgħid il-barka:

Ċel.: **Alla, il-Missier li jista' kollox,**
**jixħet fuqkom il-ferħ tiegħu**
**u jberikkom bid-don tal-ulied.**

Ġemgħa: Ammen.

Ċel.: **L-Iben waħdieni t'Alla**
**jkun qrib tagħkom u jgħinkom**
**fil-waqt tal-hena u fis-siegħa tal-prova.**

Ġemgħa: Ammen.

Ċel.: **L-Ispirtu s-Santu Alla**
**jsawwab dejjem imħabbtu fi qlubkom.**

Ġemgħa: Ammen.

Ċel.: **U fuqkom ilkoll**
**li ħadtu sehem f'din il-liturġija taż-Żwieġ**
**tinżel il-barka t'Alla li jista' kollox,**
**il-Missier u l-Iben ✠ u l-Ispirtu s-Santu.**

Ġemgħa: Ammen.

Ċel.: **Morru fil-paċi ta' Kristu.**

Ġemgħa: Irroddu ħajr lil Alla.